KUNSILL LOKALI **BORMLA** *Citta' Cospicua* LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 006/2021

21 ta' Gunju 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-2:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Martin Vella – Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

James Cauchi - Kunsillier

### ASSENTI:

Nil

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

Is-Sa. Zerafa Civelli qrat ittra li permezz taghha il-Kunsillier James Cauchi talab lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas tieghu mis-seduta b'urgenza ghal ragunijiet ta' xoghol. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cauchi kellu jigu meqjus bhala gustifikat.

**6.1** Skema-2021-2022 biex isir ingaġġ ta'Uffiċċjal tal-Komunita "Steward"Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex

6.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi wara illi l-Kunsill Lokali gie infurmat bi skema li kienet thabbret mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u li permezz taghha seta jigi ingaggjat ufficjal tal-komunita' bhala 'animal steward', kien hemm diskussjoni mal-kunsillier inkarigat mill-harsien tal-annimali u l-KunsillI Lokali tal-Birgu, il-Kalkara u l-Isla.

6.1.2 Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi wara l-imsemmija diskussjoni, kien hemm qbil illi kellha ssir applikazzjoni kongunta bejn il-lokalitajiet ta' Bormla, Birgu, Isla bil-ghan illi jigi impjegat *animal steward full-time* u l-hin tieghu jinqasam bejn l-erbgha lokalitajiet rispettivi.

6.1.3 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex ikun partecipi. Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta mressqa u cioe' illi jkun hemm applikazzjoni kongunta bejn erba' lokalitajiet

Is-seduta giet fi tmiemha fit-2:50 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda

Konfermati, illum l-1 ta' Lulju, 2021

IFFIRMATA

____________________

**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

IFFIRMATA

____________________

**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv